# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## DECIZJONI NUMRU 2138

**Chairman: Dr Leslie Cuschieri** Cert.Dip.Stud., LL.D.
**Membri : - Sur Mario Cutajar**
**- Ms Antoinette Caruana**

**Kaz Numru 2916/LC**

**Fit-Tilwima tax-Xoghol bejn**

**General Workers' Union**

**u**

**Awtorita` ghat-Trasport f'Malta**

**dwar allegat nuqqas tal-Awtorita` li taghti l-gharfien trejdunjonistiku lill-GWU fir-rigward tal-kategorija ta' impjegati fil-professjoni ta' "Vessel Traffic Services"**

Illum 27 ta' Marzu 2012

Dan il-kaz gie referut lit-Tribunal Industrijali mis-Segretarju Parlamentari Dr Chris Said wara ittra mill-General Workers Union datata 12 t'April 2011 referibbli ghal tilwima industrijali ma' l-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta.

PRELIMINARI

Permezz ta' l-imsemmija ittra tat-12 t'April 2011, l-avukat Dr Aaron Mifsud Bonnici f'isem il-General Workers Union talab lis-Segretarju Parlamentari responsabbli sabiex jirreferi l-ilment tieghu lit-Tribunal Industrijali bit-*terms of reference* ikun *"illi l-Awtorita` dwar it-Trasport f'malta ghandha taghti l-gharfien trejdunjonistiku, ewlieni u esklussiv, lill-GWU sabiex tirrapprezenta lill-haddiema fil-kategorija ta' 'Vessel Traffic Services' ghall-fini ta' negozjar kolettiv."* Sussegwentement il-General Workers Union (jew GWU) ipprezentat

id-Dikjarazzjoni tal-kaz taghha fejn inghad li kien hemm tilwima industrijali mal-Awtorita` intimata ghaliex din kienet qed tonqos milli taghti l-gharfien trejdunjonistiku lill-GWU fir-rigwad tal-kategorija ta' impjegati fil-professjoni ta' Vessel Traffic Services, u dan wara li l-maggoranza tal-impjegati ta' din il-kategorija ssiehbu fil-GWU u kienet ix-xewqa taghhom illi jkunu rapprezentati esklussivment mill-GWU. Jinghad li ghalkemm dawn il-haddiema jaghmlu parti mill-*workforce*, ix-xoghol taghhom kien partikolari u specjalizzat u jista' jigi ahjar deskritt bhala professjoni specifika. Il-GWU tghid ukoll li l-laqgha ta' konciljazzjoni ma kinitx konklussiva u l-Awtorita` intimata naqset li titlob verifka mir-Registratur tat-Trade Unions sabiex tistharreg il-fatt li l-GWU kienet tirrapprrezenta dawn l-impjegati sabiex taghti l-gharfien mitlub.

L-Awtorita` intimata, minflok Dikjarazzjoni tal-Kaz, ipprezentat Sottomissjonijiet preliminari li bihom qajmet oppozizzjonijiet kemm preliminari kif ukoll fuq il-mertu. Preliminarjament irrilevat li fl-ewwel lok dawn il-proceduri huma intempestivi peress li ma kienx hemm talba ghal rikonoxximent tal-grupp ta' impjegti li jahdmu fil-Vessel Traffic Services, u ghalhekk ma kienx hemm tilwima fis-sehh; fit-tieni lok kien hemm union ohra rikonoxxuta ghal dan il-grad u ghalhekk skond il-prassi l-union rikonoxxuta ghandha tigi mitluba taghti l-veduti taghha, b'dan li ghalhekk l-Union Haddiema Maghqudin ghandha tissejjah fil-kaz. Fil-mertu ssottomettiet li fl-ewwel lok kellu jigi deciz jekk il-grupp ta' haddiema kkoncernati jifformawx dak li jissejjah "*appropriate collective bargaining unit*" cioe` grupp ta' haddiema identifikabbli li fil-konfront tieghu hu fl-interess ta' kull "stakeholder" illi jkun hemm rikonoxximent partikolari; ghandu jigi determinat jekk huwiex fl-interess tal-haddiema in generali li l-*workforce* jigi spezzettat, jekk il-grupp huwiex parti minn grupp akbar li hu omogeneju, jekk hemmx interessi partikolari li jridu jigu mharsa u kwistjonijiet simili; fit-tieni lok ikun irid jigi stabbilit jekk hemmx il-maggoranza necessarja skond il-prassi stabbilita.

Ghalhekk kien mehtieg li l-ewwel jigu decizi l-ewwel zewg eccezzjonijiet preliminari.

PROVI

Il-Union, cioe` il-General Workers Union, esebiet disa' dikjarazzjonijiet maghmula minn disa' Vessel Traffic Controllers rispettivament fejn jghidu li huma membri tal-General workers Union, li mhumiex membri ta' xi union ohra, u li jixtiequ li jkun rapprezentati minn din il-Union. L-avukat Andrew Borg Cardona ghall-Awtorita` intimata indika fl-ewwel seduta li dawn il-haddiema huma formalment identifikati bhala Operations Executives, u li b'kollox hemm tnax f'dik il-kategorija. Il-Union ressqet lil Cory Greenland bhala segretarju tat-Taqsima Professjonisti tal-istess Union li qal li l-haddiema in kwistjoni, li jirreferu ghalihom bhala l-haddiema tal-VTS (Vessel Traffic Services) kienu jaqghu mal-Awtorita` Marittima u dak iz-zmien kellhom Ftehim Kollettiv bejn dik l-Awtorita` u Union ohra, imma meta dawn gew inkorporati ma' Transport Malta, il-Union rikonoxxuta bdiet tirrapprezenta ammont ferm akbar ta' haddiema, tant li l-interessi ta' dan il-grupp zghir ta' haddiema bdew jigu injorati. Dawn kellmu lill-GWU u talbuhom jibdew jirrapprezentawhom, izda l-Awtorita` intimata infurmat lill-Union li ma setghetx tirrikonoxxiha minhabba li dawn il-haddiema kienu jaqghu mal-Ftehim Kollettiv tal-haddiema kollha li kien hemm ma' union ohra. Jghid li l-Union kienet qed targumenta li dawn il-haddiema kienu jimmeritaw li jigu kkonsidrati bhala *Bargaining Unit* ghalihom peress li kellhom doveri u kondizzjonijiet differenti minn tal-haddiema l-ohra, bhalma l-Air Traffic Controllers' Association ghandhom Ftehim Kollettiv ghalihom. Il-haddiema in kwistjoni irrizenjaw minn mal-union li kienu fiha qabel u issa kienu mal-General Workers Union biss.

Il-Vessel Traffic Services Operator Anthony Mansueto spjega kif ix-xoghol taghhom kien li jiehdu hsieb il-vapuri u d-dghajjes kollha li jidhlu jew johorgu

mill-portijiet Maltin, kif ukoll ghajnuna f'kazijiet ta' *search and rescue* fuq il-bahar, kazijiet ta' *maritime pollution*, u dak kollu li r-Resoluzzjoni A.857(20) tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Bahar (I.M.O.) kienet indikat li ghandu jigi mhares mill-Vessel Traffic Services tal-istati membri, bhal ma hi Malta. Jispjega wkoll li x-xoghol tal-ufficjali fil-VTS huwa regolat ukoll mill-Guidelines Numru 1045 tas-sena 2005 mahruga mill-International Association for Lighthouse Authorities (IALA). L-istess Assoccjazzjoni internazzjonali harget ukoll Guide for VTS Authorities immirat ghall-awtoritajiet li jikkontrollaw il-*vessel traffic service* fl-istati membri. Dan ix-xhud jispjega li dawn id-dokumenti ta' statura internazzjonali jirreferu ghal dak kollu li hawn Malta jikkoncerna biss lil dawn it-tnax –il impjegat li dwarhom tressqet din it-tilwima. Jghid li meta gie impjegat hu inghata l-grad ta' "*operations executive*", li huwa grad kopert bil-Ftehim Kollettiv li l-Awtorita` Marittima kienet ghamlet mal-Unioni Haddiema Maghqudin; pero` meta sar dan il-Ftehim Kollettiv l-anqas biss kienet ghadha twaqqfet it-taqsima tal-Vessel Traffic Services, ghax id-dhul u l-hrug mill-port kienu jiehdu hsiebu l-Forzi Armati ta' Malta mit-Turretta. Meta twaqqfet din it-taqsima tal-Vessel Traffic Services, il-haddiema li dahlu fiha issejhu Operations Executiv flok Vessel Traffic Services Operators jew Supervisors, kif suppost huma. Xogholhom hu ferm iktar vast minn dak li kien kopert mill-Armata. Illum dawn huma 12-il haddiem li jahdmu f'erba' gruppi ta' tlieta: wiehed ikun supervisor u l-ohrajn operators; pero` hemm haddiema ohra li huma Operations Executive li xogholhom hu klerikali.

Dan ix-xhud jispjega li l-haddiema tal-VTS hassew il-htiega li jkunu rapprezentati minn union meta f'kull shift kienu qed ikunu zewg haddiema biss ikopru shifts ta' 12-il siegha ta' *day-night-rest-off*; Meta lmentaw, ix-shift inbidel ma' *afternoon-morning-night* minghajr hadd ma ddiskutiha maghhom, bil-konsegwenza li x-shifts saru aktar stressanti. Fuq dan, l-impjegati tal-VTS hassew li l-bzonnijiet taghhom kienu partikolari u l-Union ma kinitx qed thares dawn l-interessi partikolari taghhom. Meta regghu ilmentaw minn dan ix-shift gdid, qalulhom li ma kellhomx ghalfejn igergru ghaliex in-nies tas-security l-

istess tip ta' shifts kellhom. Ix-xhud jilmenta li tas-security ma ghandhomx xoghol li jehtieg koncentrazzjoni u responsabbilta` bhal taghhom, u allura ma kienx sew li tqabblu mas-security. F'kull shift kien hemm htiega ta' tlieta, u mhux tnejn, ghax wiehed jiehu hsieb il-Belt, l-iehor Marsaxlokk u iehor ikoprihom f'mumenti ta' diffikulta` jew f'kaz ta' bunkering. Kienu talbu lil union biex ikun hemm grupp ta' shift extra biex ikopri sitwazzjonijiet ta' leave, u sick-leave ghax minghajru jkollhom jahdmu *over-time* fuq ix-shift ta' 12-il siegha. Madankollu l-union ma kinitx qed ittihom widen.

L-Awtorita` intimata ressqet lill-Kaptan David Bugeja bhala xhud, li bhala Harbour Master spjega ix-xoghol li normalment ikollhom l-*operatrors* u s-*supervisors* fil-Vessel Traffic Service. Jghid li ghalkemm xogholhom huwa specjalizzat, ma jehtiegx xi taghlim intensiv, tant li t-tahrig akkademiku li jkollhom bzonn isir billi jsegwu kors li jiehu biss numru ta' gimghat. Imbaghad jigu mharrga fil-prattika fil-post tax-xoghol innifsu. Jghid li l-applikanti jehtieg li jkollhom *'O'-Level standard of education*, u r-responsabbilta` ta' dawn il-haddiema hi li jaghtu informazzjoni lill-kaptana tal-vapuri, imma mhix kompetenza taghhom li jindikaw lill-kaptana kif imexxu l-vapuri taghhom. Madankollu dan ix-xhud jghid li l-haddiema tal-VTS huma wkoll tenuti josservaw il-movimenti ta' kull vapur, u jekk jinnutaw li qed issir xi haga irregolari jew perikoluza, ghandhom jigbdu l-attenzjoni tal-kaptan. Jghid ukoll li jekk tinqala' xi emergenza, huma ghandhom jikkomunikaw kemm mal-kaptan kif ukoll mal-awtoritajiet koncernati f'Malta sabiex tigi koordinata l-hidma li tkun necessarja.

KONSIDERAZZJONIJIET.

Din hija kwistjoni li tikkoncerna x'ghandu jkun l-"*appropriate bargaining unit.*" Il-haddiema li huma impjegati tal-Awtorita` dwar it-Trasport f'Malta b'dover li jipprovdu l-Vessel Traffic Service talbu l-assistenza ta' union differenti minn dik rikonoxxuta mill-Awtorita` intimata ghall-haddiema taghha

in generali. Il-Union in kwistjoni talbet lil Transport Malta tirrikonoxxi l-fatt li l-haddiema tal-VTS ghandhom jitqiesu bhala *an appropriate bargaining unit* ghalihom, imma l-Awtorita` intimata ma qisitx li din is-sezzjoni ta' haddiema timmerita tali rikonoxximent.

Biex tigi sorvolata din il-kwistjoni, l-ewwel ezercizzju necessarju huwa li wiehed jiddetermina liema huma l-haddiema li l-union tkun trid tikkwalifikahom bhala *unit appropriate for collective bargaining.* F'dan il-kaz il-haddiema huma tnax-il haddiem partikolari li jipprovdu l-Vessel Traffic Service (VTS).

It-tieni ezercizzju necessarju huwa li wiehed jivverifika jekk l-unjon in kwistjoni thaddanx maghha l-maggoranza ta' dawk il-haddiema; f'dan il-kaz mhux kontestat li disa' haddiema minn tnax iddikjaraw li jridu lill-General Workers Union tirrapprezentahom, u allura hemm il-maggoranza necessarja. Dan jaghti lok biex il-kaz ikompli jigi investigat aktar.

Huwa indikat li bhala t-tielet ezercizzju jigi ezaminat jekk il-haddiema li l-unjon taghhom titlob rikonoxximent ghandhomx bejniethom kondizzjonijiet ta' impieg simili, b'dan li jkollhom interess komuni li f'negozjar industrijali jitpoggew kollha flimkien. F'dan il-kaz partikolari huwa evidentili l-haddiema kollha in kwistjoni ghandhom dan l-interess komuni.

Ir-raba' ezercizzju jkun jekk il-haddiema in kwistjoni ghandhomx diga' dak li jissejjah *bargaining history* wahedhom jew ma' haddiema ohra. Huwa desiderabbli li jekk tkun giet stabbilita bargaining history ghal grupp partikolari ta' haddiema, din ma tigix disturbata. Fil-kaz prezenti ma seta' jkun hemm ebda *bargaining history* peress li parti sostanzjali mix-xoghol li jaghmlu l-haddiema in kwistjoni kienu jaghmluh il-membri tal-Armata, li allura ma kinux rapprezentati minn ebda unjon.

Il-hames ezercizzju jkun li jigi investigat jekk il-haddiema in kwistjoni ghandhomx kundizzjonijiet ta' impieg li jirrikjedi *collective bargaining* ghalih. Per principju, ghandu jigi evitat li jkun hemm frammentazzjoni tal-*bargaining units* bla bzonn. La hu fl-interess tal-haddiema u wisq inqas ta' min ihaddem li jkun hemm hafna *bargaining units* fl-istess post tax-xoghol. Anqas ma jkollok *bargaining units*, ir-relazzjonijiet industrijali jkunu aktar manigjabbli. Dan il-principju huwa kontro-bilancjat mal-htiega li jista' jkollha sezzjoni partikolari ta' haddiema li tinqata' f'*bargaining unit* ghaliha jekk il-kondizzjonijiet tal-impieg tal-haddiema taghha ikunu differenti minn tal-haddiema l-ohra fl-istess post tax-xoghol. Bargaining unit jista' jkun gustifikat li jinqata' ghalih meta jkollok post tax-xoghol b'haddiema manwali u ohrjan klerikali, jew haddiema li jahdmu fil-hin tal-officju u ohrajn li jahdmu bix-*shift* jew *roster* b'responsabbiltajiet differenti. Finalment jista' jkollok *bargaining unit* li jimmerita li jinqata' ghalih jekk min ihaddem ikollu aktar minn stabbiliment wiehed, u l-kondizzjonijet tal-impieg ivarjaw minn stabbiliment ghall-iehor.

Bhala regola, dan it-Tribunal jehtieglu josserva l-principju li meta jkollok *bargaining unit* li ha hsieb haddiema partikolari ghal numru ta' snin, dak il-unit m'ghandux jigi spezzettat jekk mhux ghal raguni valida li tiggustifika tali xizma. Madankollu dan it-Tribunal jinnota li l-haddiema tal-VTS huma nukleu pjuttost gdid, u l-kundizzjonijet tal-impieg taghhom huma pjuttost unici. Huma bdew jissejhu *Operations Executives* flimkien ma' haddiema ohra f'dik il-kategorija. Il-haddiema in kwistjoni huma piu` o meno klerikali, imma imbaghad ghandhom *shifts* li ironikament gew imqabbla ma' dawk tas-security, li certament jehtiegu ferm inqas koncentrazzjoni mentali fuq il-post tax-xoghol. Jirrizulta li l-haddiema tal-VTS ghandhom htigijiet *sui generis* fuq il-post tax-xoghol taghhom, li mhux ghal kemm taqbad u tqabbilhom ma' dawk ta' *executives* ohrajn li jahdmu mal-Awtorita` intimata, mhux biss minhabba x-shift, imma anke minhabba responsabbiltajiet specifici impost fuqhom. Bhala fatt, min ihaddem u l-unjon rikonoxxuta setghu ghamlu tibdiliet fil-Ftehim Kollettiv vigenti li bihom kienu jigu mharsa ahjar l-interessi partikolari ta' din is-sezzjoni gdida ta' haddiema. Huwa ferm rakkomandabbli li l-ufficju tal-

Human Resources ta' kull azjenda jkun sensittiv ghall-htigijiet diversi li l-haddiema diversi li jaqghu tahtu jista' jkollhom. Jidher li fil-kaz prezenti l-haddiema tal-VTS hassew nuqqas ta' sensittivita kemm minn min ihaddimhom u kemm mill-Union li kienet qed tirrapprezentahom. Huwa propju dan li kkonvinca lil dan it-Tribunal li jekk il-haddiema tal-VTS ser ikollhom bzonnijiet diversi minn zmien ghal zmien, dawn l-interessi jistghu jigu mharsa minn unjon li tkun lesta li tikkoncentra fuq dawn il-htigijiet unici taghhom. Ghalhekk, fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz, dan it-Tribunal qieghed jaccetta li l-haddiema tal-Vessel Traffic Services jistghu jitqiesu bhala *an appropriate bargaining unit*.

<u>DECIZJONI</u>

Ghalhekk dan it-Tribunal qieghed jiddeciedi li l-haddiema tal-Vessel Traffic Services jikkostitwixxu *bargaining unit* li jimmerita li jigi rikonoxxut ghalih, u in segwitu jiddeciedi li l-General Workers Union ghandha tinghata l-gharfien relattiv mill-Awtorita` Maltija dwar it-Trasport sabiex tirrapprezenta lill-haddiema fil-kategorija ta' 'Vessel Traffic Services' ghall-fini ta' negozjar kolettiv. B'hekk qed tigi deciza din il-kwistjoni tax-xoghol.

**Dr Leslie Cuschieri**
Chairman

**Ms Antoinette Caruana**
Membru

**Sur Mario Cutajar**
Membru